MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1068/2002

**Anglu Pace, Joseph Pace u Mary Xuereb.**

**-vs-**

**Carmelo Pace.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Settembru, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-partijiet kontendenti huma lkoll ulied id-defunti Ignatio u Giuseppa konjugi Pace, li mietu rispettivament fid-19 ta' Dicembru 1969 (Dok. A) u 15 ta' Frar 1999 (Dok. B); u

Illi d-defunti konjugi Pace lkoll mietu ntestati, kif jirrizulta mill-annessi ricerki (Dok. C – F); u

Illi l-assi ereditarji tad-defunti konjugi Pace jikkonsistu f’sitt tmiem u nofs cirka raba’ fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Hitba f’Wied iz-Zurrieq, kif ukoll sitt tmiem u nofs cirka raba’ fl-inhawi maghrufa bhala ta’ Hagar Qim, ossia Has-Sejjieh fiz-Zurrieq, kif ukoll fond bin-numru sbatax (17), Triq il-Fjuri, Mqabba kif debitament deskritti fl-annessi *causa mortis* (Dok. G u H); u

Illi l-atturi Joseph Pace kif ukoll Mary Xuereb bieghu u ttrasferew lill-attur l-iehor angelo Pace s-sehem indiviz taghhom mill-fond numru sbatax (17), Triq il-Fjuri, Mqabba permezz ta’ zewg (2) kuntratti, wiehed in atti Nutar Dr. John Spiteri datat 24 ta’ Frar 1995 u l-iehor in atti Nutar Dr. Tonio Spiteri datat 24 ta’ Frar 1995 u l-iehor in atti Nutar Dr. Tonio Spiteri datat 8 ta’ Lulju 1994 (Dok. I u J); u

Illi l-partijiet kontendenti kienu waslu fi ftehim dwar kif ghandha ssir id-divizjoni u assenjazzjoni tal-kumplament tal-proprjeta’, ossia r-raba’ tant illi bi ftehim bejniethom kien inhatat il-Perit A. Fenech Vella A&CE, li kien fassal proposta ghall-qsim tar-raba’; u

Illi sussegwentement, il-konvenut naqas li jersaq ghall-likwidazzjoni u qasma kif mifthiem; u

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal qsim u assenjazzjoni tal-beni ereditarji, baqa’ inademjenti; u

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta’ komunjoni;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tillikwida l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti tad-defunti Ignatio u Giuseppa konjugi Pace, kif ukoll l-assi partikolari taghhom billi jigu dikjarati li jikkonsistu fil-beni hawn fuq imsemmija kif ukoll dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Taqsam dawn il-beni f'erba' (4) kwoti u porzjonijiet ugwali.

3. Tassenja porzjon kull wiehed mir-raba' hawn fuq deskritta kif ukoll minn kwalunkwe beni ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, lill-erba' kontendenti, salv fir-rigward tal-fond numru sbatax (17), Triq il-Fjuri, Mqabba.

4. Fl-eventwalita' li l-beni ma humiex komodament divizibbli tordna l-licitazzjoni tal-beni komuni sabiex ir-rikavat jinqasam kif imsemmi hawn fuq.

5. Tassenja porzjon mill-fond numru sbatax (17), Triq il-Fjuri, Mqabba lill-konvenut, filwaqt illi tassenja it-tlett (3) ishma l-ohra lill-attur Anglu Pace, u fl-eventwalita' li dan il-fond ma huwiex komodament divizibbli tordna l-licitazzjoni tieghu sabiex ir-rikavat jinqasam kif imsemmi specifikament hawn fuq.

6. Tinnomina Periti ghall-iskop tal-imsemmija likwidazzjoni u qasma.

7. Tinnomina Nutar sabiex jippublika l-att relattiv ta' divizjoni u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippresenta nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqa' kontumaci.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku u l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru, 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi din hija kawza ghall-qsim ta’ zewg eghlieqi u ta’ fond urban li skond il-perizja teknika huma komodament divisibbli. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tadotta l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku ghaliex hu risaput illi l-Qorti ma tordnax bejgh ta’ fondi posseduti in komun meta dawn jistghu jinqasmu bla hsara ghall-istess proprjetajiet. Il-Qorti ghandha riservi, mill-*punto di vista* legali dwar il-fatt illi l-attur Anglu Pace akkwista porzjonijiet indivizi mill-fond urban qabel ma saret il-qasma, izda billi ma hemm ebda eccezzjoni f’dan is-sens ser tghaddi biex tippronunzja s-sentenza minghajr ma tidhol f’dan il-punt.

**Il-Qorti ghalhekk tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi u;**

**1. Tillikwida l-assi tal-mejtin Ignatio u Giuseppa Pace bhala konsistenti fiz-zewg eghlieqi maghrufa rispettivament bhala Tal-Hitba f’Wied iz-Zurrieq u ta’ Hagar Qim *ossija* Has-Sejjieh, Wied iz-Zurrieq *oltre* l-fond urban iktar l’isfel imsemmi;**

**2. Tordna illi dawn iz-zewg eghlieqi jinqasmu f’erbgha porzjonijiet kif indikati fir-rapport tekniku fid-dokumenti JEV 8 u JEV 6 rispettivament;**

**3. Tordna illi dawn il-porzjonijiet jigu assenjati bis-sortegg skond il-Ligi;**

**4. Tichad ir-raba’ talba *stante* l-akkoljiment tat-tielet talba;**

**5. Tordna l-qasma tal-fond numru 17, Triq il-Fjuri, Imqabba skond il-pjanta esebita mill-perit tekniku fid-dokument JEV 4 b'mod li l-attur Anglu Pace jigi assenjat tlett kwarti u l-konvenut il-kwart rimanenti dejjem skond l-istess pjanta;**

**6. Tichad is-sitt talba *stante* li ma hemmx lok ghaliha;**

**7. Tordna li l-kuntratt ta' divizjoni isir nhar il-11 ta' Frar, 2005 fl-edificcju tal-Qrati Superjuri f'nofs in nhar u tinnomina lin-Nutar Bartolomeo Micallef biex jippublika l-att relattiv u lill-Avukat Dottoressa Irene Bonello bhala kuratrici tal-eventwali kontumaci fuq l-istess att;**

**L-ispejjes tal-kawza u ta' dan l-att jithallsu kwart minn kull parti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------